**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 4 ta' Mejju 2022**

Rikors Numru: 61/22 AL

A B

vs

C B

(MR Nurmu 2164/1992)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-guramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi hija izzewget nhar il-11 ta' Dicembru 1992 bir-Registru taz-zwieg, Il-Belt Valleta liema zwieg gie irregistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv 2164/1992; Certifikat anness u immarkat dok A;

2. Illi l-partijiet xoljew u likwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is separazzjoni personali permezz ta kuntratt ta separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Dr Carmel

Gafa fl-18 ta' Gunju 2005; Kuntratt tas-separazzjoni anness u immarkat dok B;

3. Illi mid-data tas-separazzjoni ghaddew aktar minn erbgha snin;

4. Illi miz-zwieg taghhom l-partijiet kellhom erba' ulied illum kollha maggorenni;

5. Illi l-ebda manteniment ma hu dovut mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni;

6. Illi illum il-gurnata ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il partijiet;

7. Illi għalhekk jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-liġi għall-ħalla taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet.

Talbet lill-intimat tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara mahlul iż-żwieġ taghhom u li l-partijiet huma divorzjati għall-effetti kollha tal liġi u tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien mħolli għal daqshekk minn din il Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Marzu 2022;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla u fuq domanda tal-qorti jwiegeb li m'ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprovat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-18 ta' Gunju 2005;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprovat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.